# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Decizjoni Numru 2181**

Kaz Nru: 2934/ ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Noileen Zammit

u

Nathan Farrugia ghan-nom u in Rapprezentanza ta' Inspire (The Foundation for Inclusion)

Illum: 15 ta' Novembru, 2012-11-15

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

## INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Dr. Josette Sultana fl-4 ta' Lulju 2011 f'isem ir-rikorrenti Noileen Zammit fejn gie allegat li s-socjeta' ntimata waqfet l-impjieg b'ittra datata 13 ta' April, 2011, fejn ir-rikorrenti giet nfurmata li l-kuntratt tax-xoghol mhux ser jigi estiz wara l-15 ta' April 2011.

L-Avukat Josette Sultana, fir-rikors issostni, li ir-rikorrenti sofriet tkeccija ngusta minn organizzazzjoni li hija ntiza sabiex tippromovi l-ugwaljanza bejn ic-cittadini Maltin specjalment fejn jidhlu persuni bi bzonnijiet specjali. Fir-rikors gie sostnut ukoll li l-kuntratt definit tar-rikorrent kien ghalaq fit-30 ta' Gunju, 2010, izda xorta baqghet tmur ghax-xoghol sa' April 2011 u baqghet tithallas regolarment u ghaldaqstant r-rikorrenti kienet taqa' taht kuntratt indefinit.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti qed titlob lil dan it-Tribunal sabiex jigu likwidati d-danni a favur taghha u fl-istess hin sostniet li l-kaz huwa wiehed ta' tkeccija ngusta.

Da parti taghha, is-socjeta' ntimata ddikjarat li r-rikorrenti giet itterminata peress illi l-imgieba u l-prestazzjoni taghha fuq ix-xoghol ma kienux accettabbli. Is-socjeta' ddikjarat ukoll illi peress li thoss li c-cirkostanzi tal-kaz huma sensittivi rrestringiet id-dikjarazzjoni ghal kif inghad fuq li kienet se thalli l-kaz jizviluppa fis-seduti biex xhieda, etc.

Fid-dikjarazzjoni taghha, ir-rikorrenti irreferiet ghal diversi punti bl'iktar importanti jkunu kif gej:

- li ghamlet tahrig bla hlas ghal madwar tlett snin waqt li kienet tahdem mal-Middle Sea bhala Office Assistant mid-09.00 sa 13.00 hames t'ijiem fil-gimgha.
- li fix-xoghol li kienet tinghata dejjem ghamlitu u l-job coach Charlie Vella kien jghidilha li kienet tajba f'xoghola u dejjem kienet tirranga kif jghidilha.
- li l-affarijiet nbidlu meta giet Marika Borg bhala job coach li skond ir-rikorrenti kienet arroganti u anke Charlie Vella biddel l-attitudni lejn ir-rikorrenti. Vella kien negattiv ghal mod kif ir-rikorrenti kienet tilbes.
- li l-ahhar kuntratt li ffirmat kien fl-2010 izda baqghet tmur ghax-xoghol u tithallas regolari sa April 2011.
- li darba Borg u Vella qalulha biex ma tmurx iktar ghax-xoghol u biex tibqa' d-dar.
- li rceviet l-ittra ta' terminazzjoni bla hlas ta' notice period u t-terminazzjoni saret minhabba dixxiplina.

**<u>Fatti</u>**

Ir-rikorrenti li kienet dijanjonizzata li tbati mill-awtizmu bdiet tircievi tahrig mis-socjeta' ntimata, dak iz-zmien The Eden Foundation, f'Ottubru 2003. It-Tahrig kien parti mill-"Employability Skills Training Programme". Matul dan it-tahrig ir-rikorrenti uriet potenzial ghal xogholijiet ripettittivi f'ambjent ta' ufficcju.

F'Ottubru 2001, ir-rikorrenti bdiet tahrig intermedjarju b'partecipazzjoni fi skemi ta' xoghol ma' Middle Sea Insurance, Argotti Gardens u Bristow Potteries. Matul din il-fazi hi kienet tircievi job coaching min haddiema tas-socjeta'.

F'Lulju 2006, ir-rikorrenti inghatat l-opportunita biex tippartecipa f'team ta' haddiema tas-socjeta li gew impjegati mal-Middle Sea Insurance wara ftehim bejn iz-zweg socjetajiet (dok ABC1)

F'Gunju 2008, ir-rikorrenti giet offruta kuntratt definit ta' tlett xhur flok ta' sena bhala twissija biex ittejjeb l-imgieba taghha b'mod sostanzjali biex is-socjeta' tkun tista zommha fl-impjieg.

Fl-13 ta' April 2011, is-socjeta' ntimata nfurmat lir-rikorrenti b'ittra li l-kuntratt taghha ma kienx se jigi mgedded wara l-15 ta' April 2011.

Fid-9 ta' Mejju 2011, f'ittra ohra s-socjeta' ntimata, lir-rikorrenti, ikkonfermat it- 30 ta' April 2011 bhala d-data bit-terminazzjoni ta' l-impjieg. Fl-istess ittra s-socjeta' offriet li kienet lesta li tilqa' lura lir-rikorrenti ghal aktar tahrig bl-ewwel tlett xhur ikunu bla hlas bil-possibilta' li meta terga' tkun lesta biex tirritorna ghax-xoghol, is-socjeta' tkun f'pozizzjoni li tpoggi isimha fuq 'l-employement waiting list' ghal xi opportunita' ta' xoghol li jista jkun hemm.

**Provi**

Gew prodotti s-segwenti xhieda f'din l-ordni: Maria Regina Debono Caruana – Senior Manager Human Resources, Inspire Nathan Farrugia – Kap Ezekuttiv, Inspire, Maryln Spiteri – Manager Adult Programmes, Inspire, Carmel Vella – Facilitator, Inspire, Marica Borg – Support Worker, Inspire, ir-rikorrent, Pierre Zammit – missier ir-rikorrent, Maria Caruana – Mee Too Prject, Dunsten Grech – boyfriend, Joseph Spiteri – LSA Wardija School, Josette Zammit – omm ir-rikorrent.

Gew esebiti diversi dokumenti fosthom Case Summary Overview, Case History tar-rikorrent u kuntratti tax-xoghol.

**Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribunal f'dan il-kaz irid jaghraf jevalwa, jizen u jiddeciedi l-aktar fuq ix-xhieda minn diversi persuni nkluzi professjonisti u anke familjari qrib ferm ir-rikorrenti. Dan apparti d-dokumenti esebiti.

Maria Regina Debono Caruana, Senior H.R. Manager – Inspire, spjegat li r-rikorrenti bdiet ma' l-Inspire fl-2003 bhala trainee u fit-2006, meta kienet lesta biex tahdem, saret impjegata mal-Inspire li haddmitha mal-Middle Sea. Kompliet li l-problemi bdew sena wara bejn 2007-2008. Ir-rikorrenti kienet tkun "moody u depressed". Saru anke rapporti lil Agenzija Apogg meta gie nnutat li kienet tmur ghax-xoghol b'xi tbengil. Debono Caruana spjegat li d-dizabilita' tar-rikorrenti kienet "intellectual disability". Wara l-imgieba taghha kompliet tmur lura. Kien hemm diversi meetings mal-genituri flimkien mal-managers u job coaches. Fill- fatt ir-rikorrenti kellha zewg job coaches- Charles Vella u Marika Borg.

Dawn kienu dejjem fuq il-post tax-xoghol. Debono Caruana kienet personalment involuta f'meetings mar-rikorrenti u missierha izda s-socjeta' ma haditx decizjoni jew harget warnings mill-ewwel. Sar kuntratt qasir ta' tlett xhur biex ir-rikorrenti tirrealizza l-gravita' tas-sitwazzjoni. Is-sitwazzjoni baqghet ma nbidlitx u matul 2010 u 2011 inhargu diversi warnings u sospensjonijiet li bazikament fl-ahhar waslu lis-socjeta' ghad-decizjoni finali. Meta t-Tribunal ndaga fuq it-tip ta' mgieba hareg, li din kienet tikkonsisti f'nuqqas ta' rispett lejn kollegi, trainers u anke kif titkellem man-nies tal-Middle Sea stess. Kien hemm ukoll hela ta' hin fil-bathroom u kwalita tax-xoghol hazina. L-issue principali pero' kienet l-imgieba ghax skont Debono Caruana l-kwalita tax-xoghol kienet xi haga li tista titranga b're-training. Jigifieri l-problema ma kienitx id-dizabilita' per se (intellectual disability) izda kienet l-mgieba li kienet saret intollerabbli. Fuq id-dizabilita', li hi konnessa direttament max-xoghol, is-socjeta' ma kienitx daqshekk koncernata. Infatti min zmien ghal zmien gieli offriet re-training lir-rikorrent bhal ma darba ghamlet gimgha re-training mas-socjeta' ntimata stess.

Is-Sur Nathan Farrugia, Kap Ezekuttiv – Inspire spjega li l-esperti li ghandu nkarigati mil-programm relevanti ghar-rikorrenti, waslu lis-socjeta' ghat-terminazzjoni wara diversi attentati biex titranga s-sitwazzjoni li bdiet taffettwa bis-serjeta' l'erbatax il-haddiem iehor ta' l-Inspire fil-Middle Sea. Fi kliem iehor l-imgieba tar-rikorrenti kienet qed tipperikola il-post tax-xogho ltal-kollegi. Farrugia, mir-rapporti ta' l-esperti, qal li r-rikorrenti kienet disturbanti hafna fuq il-post tax-xoghol minhabba l-imgieba ntollerabbli taghha. Hu spjega li minhabba c-cirkostanzi taghha ta'l-awtizmu hi kellha suppost tiehu xi medikazzjoni, izda dan ma kienetx taghmlu.

Farrugia kkonferma li s-socjeta' offriet li r-rikorrenti biex tmur lura fil-programm ta' tahrig wara li twaqqfet mix-xoghol izda hi rrifjutat. Farrugia kkonferma ukoll li kazi bhal tar-rikorrenti, jigifieri li s-socjeta' waslet ghat-terminazzjoni kienu rari ferm. Farrugia ukoll spjega l-kapacita' u l-professjonalita tal-Management tas-socjeta' li finalment wasslu ghad-decizjoni fuq ir-rikorrenti fosthom Ms. Marilyn Spiteri – Manager fil-programm ta' l-adulti. Spiteri hija responsabbli mis-"supported employment" u l-Middle Sea kienet f'idejha b'viziti regolari fuq il-post tax-xoghol waqt li kienet tiehu feedback kuljum miz-zewg trainers. Rigward certu meetings bhal dawk mal-genituri kienu responsabilita' taghha. Wara li r-rikorrenti bdiet tahdem, bdiet tircievi reports fuq imgieba mhux flokha, bhal:

- inghatat xoghol u qattatu
- Meta jghidulha biex tmur it-toilet biex tirranga xaghra taghmel gurnata shiha tirrabja
- Meta xi hadd kien semplici ihares lejha tibqa gurnata shiha tghid "ghalfejn qed thares lejja" filwaqt li x-xoghol kien jaqa' lura.
- Ilbies mhux dicenti ghal fuq il-post tax-xoghol
- mgieba partikolari li zgur mhux ta'dicenza ghal fuq il-post tax-xoghol

Mix-xhieha jidher li s-socjeta' ntimata mill-ewwel hadet azzjoni wara rapport dwar l-imgieba msemmija nkluz informazzjoni urgenti lil genituri. Meta l-affarijiet bdew jiskalaw saru laqghat ufficcjali mal-genituri fejn gew spjegati d-diffikultajiet u fejn kien hemm bzonn ta' miljorament urgenti. Ms Spiteri qalet fix-xhieda li dawn it-tentattivi kienu inutli ghax wara ftit titjib, hi regghet marret ghal l-aghar. Meta Dr. Borg Cardona nsista li Ms. Spiteri tkun iktar specifika, hi pprezentat ' case summary overview' u 'case history' (Doc MSI). Zgur li l-boyfriend li kellha ma ghen xejn fejn allegatament kien issawwatha b'rizultat li kienet tmur bi tbengil fuq ix-xoghol u kienet tkun spiss taht dipressjoni.

It-Tribunal jaghraf li wara li nghata kuntratt ta' tlett xhur kien hemm titjib u fil-fatt wara nghata kuntratt ta' sena izda l-problemi ma damux ma regghu tfaccaw. Ir-rikorrenti regghet bdiet iddum aktar ghal break, iddum it-toilet, ma tkunx trid tqum minn postha, ticcassa, etc u ovvja anke x-xoghol beda jmur lura. Kellha ukoll konfronti fizici maz-zewg trainers tas-socjeta' ntimata. Gew irraportati ukoll 'tantrums' fuq l-ikel jew meta tasal tard u ma tkunx lahqet ordnat l-ikel u din kienet tibqa sejra biha gurnata shiha.

Jidher ukoll li l-genituri, partikolarment, il-missier, kienu jikkoperaw mas-socjeta' fejn kien hemm kazi partikulari li anke kienu jwissuha quddiem ufficjali tas-socjeta' waqt il-laqghat.

F' Gunju 2010 inharget l-ewwel twissija ufficjali u fl-istess xaghar intbaghatet ittra ohra biex ir-rikorrenti ma tmurx ghax xoghol ghaliex kienet qed tkun ferm disturbata. Mix-xhieda fit-23 ta' Gunju, 2010, kien hemm incidenti ta' agressjoni fuq persuni ohra fuq ix-xoghol. Jidher ukoll li kien hemm ftehim ma missierha li hu stess f'laqgha kien qal lis-socjeta' ntimata li "meta din jkollha problema ta' mgieba cempluli ha nigi ghaliha". Fit 2 ta' Settembru 2010, sar

‘incident report’ iehor fejn hi ma segwietx struzzjonijiet ta’ xoghol u attwalment qattet karti li japartjenu lil Middle Sea. Fis-26 ta’ Jannar 2011 harget twissija ohra ufficcjali fejn gew indikati nuqqasijiet serji bhal puntwalita, kif kienet tilbes, kwalita’ tax-xoghol u rispett lejn haddiehor fuq ix-xoghol. L-imgieba tar-rikorrenti f’dan iz-zmien kienet iddetorjat hafna. Mix-xhieda hareg ukoll li din id-deterjorazzjoni setghet zdiedet ghaliex ir-rikorrenti jidher li ma kienitx qed tiehu certa medikazzjoni.

Fit-28 ta’ Jannar u fl-4 ta’ Frar 2011 giet sospiza u ntalbet tmur gimgha Bulebel ghand is-socjeta’ ghat-tahrig. F’dik il-gimgha l-imgieba kienet tajba hafna. Wara marret ghax-xoghol izda fis- 16 ta’ Frar 2011 regghet giet sospiza ghal gimgha minhabba mgieba. Wara li rritornat ghax-xoghol, fis-7 ta’ Marzu 2011 saru rapport ohra ta’ mgieba hazina fejn anke gie spjegat lil missierha li skond ix-xhieda kien qal ‘ma nafx x’nista naghmel aktar’. Dak inhar inghatat jumejn ‘forced leave’.

Fil-21 ta’ Marzu 2011 saret laqgha ohra ma missierha li f’dak il-punt, jekk l-affarijiet ma jitjiebux, se jkun riskju kbir li jigi terminat l-impjieg. Fl-29 ta’ Marzu 2011 is-socjeta’ cemplet lil missierha biex jigi ghaliha minhabba mgieba hazina, izda ma setghax.

Fit-29 ta’ Marzu 2011 gara l-istess. Din id-darba mar ghaliha u s-socjeta’ nfurmatu biex ir-rikorrenti ma tidholx xoghol sakemm nitkellmu maghha flimkien mal-Human Resources. Fit-13 ta’ April 2011 inharget l-ittra ta’ terminazzjoni. Fil-15 ta’ April 2011, saret laqgha mal-genituri li s-socjeta’ kienet lesta tiehu r-rikorrenti lura ghal perjodu ta’ re-training u offriet li l-ewwel tlett xhur ikun bla hlas. Din l-offerta giet rifjutata mir-rikorrenti u l-familja taghha.

Kienet saret laqgha ohra mal-genituri fit-19 ta’ April 2011 ghax il-genituri xtaqu aktar taghrif li nghata u fl-istess laqgha allegaw xi affarijiet kontra ‘trainers’ jew ‘support workers’ Charles Vella u Marika Borg. L-allegazzjonijiet kienu dwar trattament hazing fil-konfront tar-rikorrenti. Fil-fatt fit-28 ta’ April, 2011, is-socjeta’ ghamlet investigazzjoni nterna minn zewg persuni esterni ghal programm ta’ l-adulti u ngabret informazzjoni minn diversi genituri u mpjegati ohra tas-socjeta’ Middle Sea, izda xejn ma gie ppruvat. Fid-9 ta’ Mejju 2011 saret laqgha ohra mal-genituri tar-rikorrenti fejn gie spjegat li l-allegazzjonijiet kienu nfondati.

Biex inkompli ma dan it-Tribunal studja x-xhieda tas-support workers Vella U Borg. Dawn, ghalkemm mhux professjonisti perse hareg li nghataw tahrig adekwat anke barra minn Malta u kellhom snin ta’ esperjenza f’ dan ix-xoghol, b’Borg tidher li kellha iktar minn Vella. Irrizulta li r-rikorrenti bdiet sejra ghal l-aghar hafna fl-ahhar sentejn wara bidu tajjeb, u x-xhieda kienet konsistenti rigward l-imgieba u rapport kontinwu fuq is-suggett. Imgieba li ma ssemmietx qabel kienet meta Vella xehed li darba r-rikorrenti nezghet il-qmis u z-zarbun u stqarr li missiera gieli beka quddiemu u staqsa x’jista jaghmel iktar. Borg xehdet li r-rikorrenti, mhux ta’ darba, kienet tmiss il-partijiet intimi taghha quddiem kulhadd. It-Tnejn bazikament kienu konsistenti fil-kazijiet kollha ta’ mgieba li dan it-Tribunal innota aktar l-fuq inkluz in-nuqqas li tiehu l-medicina.

Fix-xhieda taghha fuq mistoqsijiet ta’ Dr. Sultana ir-rikorrenti qalet li kienat taghmel xogholha u li s-support workers Vella u Borg kienu jkellmuha gieli bil-hlewwa (l-aktar Borg) u gieli bl-gherra.

Fil-kontro-ezami minn Dr. Borg Cardona r-rikorrenti xehdet li Vella u Borg kienu jkellmuha bl-gherra anke meta jghidulha 'Bongu' izda ma kienux jghajjtu maghha u li lilha biss kienu jkellmu bl-gherra. Qaleta ukoll li gidbu fuqha meta nehhiet iz-zarbun u tefghatu l-shaba.

Is-Sur Jean Pierre Zammit, missier ir-rikorrent, xehed li l-problemi bdew meta t-tifla bdiet tithallas u l-bit-tkeccija tilfet id-dinjita taghha. Zammit ikkonferma li t-tifla kienet tbati minn "bebaviour disorders" u li tirrepeti anke fuq kumment zghir kienet tibqa' sejra gurnata shiha. Huwa sostna li kien jikkopera mas-socjeta' u kkonferma li dejjem kien lest li jiehu azzjoni meta jinfurmawh fuq il-problemi msemmija. Qal ukoll li d-dar qatt ma nezghet hwejjeg jew kienet aggressiva. Sostna ukoll li s-support workers ma kienux ta' livell professjonali u li ma kienux sensittivi bizzejjed. Fl-istess hin Zammit ikkonferma kemm il-darba s-socjeta' baghtuha d-dar u wara regghu laqghuha lura.

Fil-kontro-ezami Zammit stqarr li qatt ma ra s-support workers ikellmu bl-gherra lit-tifla jew li kienu jghidulha biex tohrog jew ma tohrogx ma xi hadd. Meta mistoqsi jekk kienx hemm xi skop li jaqbdu maghha Zammit ma kkonfermax.

Is-Sur Dunstan Attard, il-boyfriend tar-rikorrent kien ferm inkonsistenti fix-xhieda tieghu u t-Tribunal anke nnota li dan kien donnu ga jaf x'ha jghid, izda, forsi minghajr ma kellu ntenzjoni, ammetta bil-gurament li hu kien jerfa' jdejh fuq ir-rikorrent.

Is-sinjura Josette Zammit, omm ir-rikorrent innegat hafna milli qalu x-xhieda migjuba mis-socjeta inkluz bazikament l-kazijiet kollha li ssemmew rigward l-imgieba. Hi kompliet billi spjegat li l-job coaches ma hadux grazzja maghha mill-ewwel u li dak it-tbengil li kienet tmur bih fuq ix-xoghol ma kellux x'jaqsam ghax dak kien jinvolvi cirkostanzi personali. Zammit qalet li t-tifla hadet it-terminazzjoni mill-impjieg bi kbira hafna. Fil-kontro-ezami meta mistoqsija jekk kienitx tkun prezenti fuq ix-xoghol mar-rikorrent Zammit ma kienitx konvincenti biex tispjega l-fatti li qalet qabel li l-kazijiet ta' mgieba msemmija ma kienux jezistu.

Dan permess, it-Tribunal jikkonsidra li:

It-Tribunal jinnota s-sensittivita tal-kaz u l-livell uman involut izda jaghraf li jrid jimxi skond il-ligi.

Ix-xhieda tas-socjeta' ntimata kienet konsistenti fuq il-fatti li graw fuq il-post tax-xoghol u li dawn il-persuni fil-maggoranza kienu kwalifikati u mharrga kemm biex iwettqu xogholhom kif suppost u kif ukoll biex jaslu biex jiehdu d-decizjonijiet. Ix-xhieda tar-rikorrenti kienet nieqsa mil-konsistenza u anke bbazata l-aktar fuq cirkostanzi mismugha.

It-Tribunal jinnota ukoll li s-socjeta' ntimata hadet diversi nnizjattivi biex issalva l-impjieg qabel ma waslet ghad-decizjoni ta' terminazzjoni u dan apparti li offriet perjodu ta' tahrig b'xejn wara t-terminazzjoni li setgha jwassal li r-rikorrenti terga' tintegra ruhu u li hi rrifjutat.

**Decizjoni**

Mehuda in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ix-xhieda mismugha, d-dokumenti esebiti u s-sottomissjinijiet tal-partijiet, dan it-Tribunal qed jiddecciedi li t-terminazzjoni tar-rikorrenti kienet wahda gusta.

It-Tribunal ghaldaqstant qed jaghti ragun li s-socjeta' ntimata li kellha fl-ahhar tasal f'punt li tittermina l-impjieg tar-rikorrenti.

Ghal finijiet tal-Kap 425 tal-ligijiet ta' Malta ngwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**CHAIRMAN**

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-SEGRETARJU